PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0239/2014**

24.3.2014

# ***II
# RAKKOMANDAZZJONI GĦAT-TIENI QARI

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta’ ħoss tal-vetturi bil-mutur u tas-sistemi tas-sajlensers ta' sostituzzjoni, u li temenda d-Direttiva 2007/46/KE u li tirrevoka d-Direttiva 70/157/KEE
(17695/1/2013 – C7-0060/2014 – 2011/0409(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Miroslav Ouzký

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ...........................................................................................................6

SEJĦA TAL-ISMIJIET GĦALL-VOTAZZJONI FINALI........................................................8

PROĊEDURA .......................................................................................................................9

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u tas-sistemi tas-sajlensers ta' sostituzzjoni, u li temenda d-Direttiva 2007/46/KE u li tirrevoka d-Direttiva 70/157/KEE**
**(17695/1/2013 – C7-0060/2014 – 2011/0409(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari 17695/1/2013 – C7-0060/2014),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' April 2012[1],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[2] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0856),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0239/2014),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 191, 29.6.2012, p. 76.
[2] Testi adottati 6.2.2013, P7_TA(2013)0041.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur ġiet adottata fid-9 ta' Diċemrbu 2011. Il-proposta għandha bħala għan il-ħarsien tas-saħħa pubblika u tal-ambjent permezz ta' miżuri biex jitnaqqas il-livell tal-ħoss tal-vetturi bil-mutur.

Fis-6 ta' Frar 2013, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta. Fit-18 ta' Settembru 2013, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) ta lir-Rapporteur mandat biex jibda negozjati bikrija mal-Kunsill għat-tieni qari. Wara sensiela ta' trilogi, intlaħaq ftehim bikri fit-tieni qari f'Novembru 2013, li ġie approvat mill-Kumitat fis-27 ta' Novembru 2013 b'45 vot favur, 11 kontra u astensjoni waħda.

Sussegwentement, il-Kunsill adotta t-test maqbul bħala l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. F'dawn iċ-ċirkustanzi r-Rapporteur qiegħed, għaldaqstant, jirrakkomanda li l-Kumitat jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi.

L-elementi ewlenin tal-ftehim maqbul huma dawn:

**Valuri limiti tal-ħoss għall-vetturi - Anness III**

Il-Parlament u l-Kunsill qablu dwar sett ta' valuri limitu applikabbli għall-kategoriji tal-vetturi M sa M3 (vetturi użati għall-garr tal-passiġġieri) u N sa N (vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija) fuq tliet stadji, u l-ewwel stadju jkun applikabbli minn Jannar 2017. Maż-żmien dan se jwassal, pereżempju, għal tnaqqis ta' valur limitu ta' 68dB għall-karozzi tal-passiġġieri.

**It-tikkettar u l-informazzjoni għall-konsumaturi**

Il-Parlament u l-Kunsill qablu li l-Kummissjoni għandha twettaq studju tal-impatt dwar il-kundizzjonijiet tat-tikkettar applikabbli għall-livelli tat-tniġġis tal-arja u tal-ħoss u dwar l-informazzjoni għall-konsumaturi u li l-manifatturi għandhom jistinkaw biex, fejn jinbiegħu l-vetturi, kif ukoll fuq materjal promozzjonali tekniku, jipprovdu informazzjoni dwar il-livelli tal-ħoss tal-vetturi.

**Sistema Akustika ta' Twissija tal-Vettura (AVAS)**

Il-Parlament iqis ukoll li huwa importanti li tingħata protezzjoni lill-persuni neqsin mid-dawl u persuni oħra vulnerabbli permezz tal-installazzjoni ta' sistemi adegwati ta' twissija tal-vettura fil-vetturi elettriċi. Il-Parlament u l-Kunsill qablu li dawn is-sistemi għandhom ikunu obbligatorji; ġie miftiehem li dan se japplika għal tipi ta' vetturi ġodda fi żmien tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament u fi żmien ħames snin għall-vetturi kollha elettriċi u elettriċi ibridi.

**Kwistjonijiet dwar l-uċuħ tat-toroq**

Il-Parlament ukoll jagħti importanza lil kwistjonijiet dwar l-uċuħ tat-toroq u l-kontribut tagħhom biex inaqqsu l-livell tal-ħoss tal-vetturi. Il-Parlament u l-Kunsill qablu li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida informattivi u tal-aħjar prattika dwar l-iżvilupp

tal-kwalità teknoloġika tat-toroq u dwar il-klassifikazzjoni tat-toroq abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, u, għaldaqstant, fil-premessa tal-proposta ddaħħal kliem għal dan il-għan.

## SEJĦA TAL-ISMIJIET GĦALL-VOTAZZJONI FINALI

| | |
|---|---|
| **Membri favur** | Davies Chris, Duff Andrew, Gerbrandy Gerben-Jan, Lepage Corinne, Newton Dunn Bill, Panayotov Vladko Todorov, Reimers Britta, Bokros Lajos, Cabrnoch Milan, Callanan Martin, Girling Julie, Ouzký Miroslav, Rosbach Anna, Bonanini Franco, Childers Nessa, Antonescu Elena Oana, Ayuso Pilar, Bartolozzi Paolo, Berlato Sergio, Delvaux Anne, Franco Gaston , Gardini Elisabetta, Grossetête Françoise, Gutiérrez-Cortines Cristina, Hibner Jolanta Emilia, Kastler Martin, Liese Peter, Mazej Kukovic Zofija, Mikolášik Miroslav, Morkunaite-Mikuliene Radvile, Peterle Alojz, Šadurskis Karlis, Seeber Richard, Sommer Renate, Šuica Dubravka, Urutchev Vladimir, Arsenis Kriton, Danellis Spyros, Estrela Edite, Groote Matthias, Larsen-Jensen Claus, Lyubcheva Marusya, McAvan Linda, Perelló Rodríguez Andrés, Poc Pavel, Van Brempt Kathleen, Westlund Åsa, Willmott Glenis |
| **Membri kontra** | Anderson Martina, Sousa Alda, Wils Sabine, Kadenbach Karin, Merkies Judith , Roth-Behrendt Dagmar, Bélier Sandrine, Cochet Yves, Evans Jill, Hassi Satu, Schlyter Carl, Staes Bart |
| **Membri li astjenew** | |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur |
| **Referenzi** | 17695/1/2013 – C7-0060/2014 – 2011/0409(COD) |
| **Data tal-1 qari tal-PE - Numru P** | 6.2.2013 T7-0041/2013 |
| **Proposta tal-Kummissjoni** | COM(2011)0856 - C7-0487/2011 |
| **Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja ta' meta l-Parlament irċieva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari** | 27.2.2014 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>27.2.2014 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Miroslav Ouzký<br>9.1.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 20.2.2014 |
| **Data tal-adozzjoni** | 19.3.2014 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 48<br>–: 12<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Martina Anderson, Elena Oana Antonescu, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Franco Bonanini, Milan Cabrnoch, Martin Callanan, Nessa Childers, Yves Cochet, Spyros Danellis, Chris Davies, Anne Delvaux, Edite Estrela, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Martin Kastler, Claus Larsen-Jensen, Corinne Lepage, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Andrés Perelló Rodríguez, Pavel Poc, Anna Rosbach, Dagmar Roth-Behrendt, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Richard Seeber, Dubravka Šuica, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Kriton Arsenis, Gaston Franco, Julie Girling, Marusya Lyubcheva, Judith A. Merkies, Miroslav Mikolášik, Alojz Peterle, Britta Reimers, Renate Sommer, Alda Sousa, Bart Staes, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrew Duff, Bill Newton Dunn |
| **Data tat-tressiq** | 24.3.2014 |